Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 64/1999
Kawza Numru. 24

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Giovanni Grech, karta tal-identita' numru 210295 (M):

Akkuzat talli fit 22 ta' Marzu, 1999, ghal-habta ta' xi 7.30 pm, fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, saq vettura numru BAP075 b'manjiera traskurata u perikoluza;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru BAP075, bi traskuraggni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna griehi ta' natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta' Eucharist Mizzi, minn Victoria;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru BAP075, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna

ta’ Raymond Xerri, mil-Qala u Patrick Sciberras, minn San Pawl il-Bahar;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura numru BAP075 kontra s-sinjal tat-traffiku;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura numru BAP075, qasam il-linja/I bojod kontinwi;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru BAP075, bi traskuragni, b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikaguna hsara  fil-vettura MAR245, ghad-dannu ta’ Joseph Xerri, mil-Qala;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru BAP075, bi traskuragni, b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikaguna hsara fil-vettura numru BAP075, ghad-dannu ta’ Anna Grech, minn San Pawl il-Bahar;

Il-Qorti intalbet tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzji tas-seqan ghal zmien li jidrilha xieraq f’kaz ta’ htija.s

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kazwa;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa mill-pprosekuzzjoni jirrizulta illi fid-data u l-hin indikati fl-akkuza, l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq l-Mgarr, Ghajnsielem fid-direzzjoni tal-port tal-Mgarr. Fl-istess hin kien hemm vettura ohra gejja mid-direzzjoni opposta, allura mill-Port tal-Mgarr u misjuqa minn Raymond Xerri li malli lahaq il-quccata tat-tela tal-Mgarr fejn it-triq hija separata b’central strip kbira u wiesa, ra il-vettura misjuqa mill-imputat gejja fid-direzzjoni tieghu u minghajr ma kellu hin biex jevitaha din baqghet diehla f’Xerri “head on”.  B’hekk jirrizulta illi l-imputat kien

qed isuq fi triq fejn it-traffiku seta jghaddi biss bil-kontra. Mir-ritratti u pjanti esebiti jirrizulta illi l-vettura tal-imputat kienet fil-fatt invadiet it-triq tal-kwerelant u kienet qed thares wicca ‘l isfel meta habtet mal-vettura tal-kwerelant. Iz-zewg vetturi sofrew hsarat estensivi u kawza tal-incident Eucharist Mizzi sofra griehi gravi fil-waqt illi Raymond Xerri u Patrick Sciberras sofrew griehi hfief.

L-imputat qal li hu minnu li spicca fuq in-naha l-hazina tat-triq izda huwa ma kienx familjari mat-triq u li appena induna li kien invada l-kareggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta huwa waqaf biex ikun jista’ jirmedja is-sitwazzjoni izda Xerri gie bi speed qawwi u malli qabez vettura fuq ix-xellug tieghu sab lill-imputat wieqaf tant li l-vettura ta’ Xerri regghet lura bl-impatt qawwi.

Jirrizulta, izda, illi l-verzjoni tal-imputat quddiem din il-Qorti hija pjuttost differenti minn dik li ta’ a tempo vergine waqt l-access mizmum mill-espert tekniku nominat mill-magistrat Inkwirenti ( ara fo,n 76 sa 78 tal-process). Inoltre jirrizulta illi l-imputat kien xurban waqt li kien qed isuq il-vettura tant li meta sarlu t-test tan-nifs irrizulta 60 mg alkohol meta l-limitu permess huwa ta’ 35 mg. Ix-xhieda tal-passiggier tal-imputat, Patrick Sciberras, tikkonferma l-fatt li l-imputat kien xurban meta jghid li qabel l-incident it-tnejn li huma kienu xorbu tmient ifliexken birra minn hanut u meta maru jieklu ikkonsmaw flixkun inbid bejnithom. Il-verzjoni tal-imputat li huwa gharaf li dahal fit-triq sbzljata, waqaf biex jara kif jista jirmedja u nel frattempt dahlet fih il-vettura mid-direzzjoni opposta mhix wahda attendibbli u dan wara ezami tal-provi kollha fejn jirrizulta ukoll illi ftit sekondi qabel l-akkadut, l-imputat intlemah ghaddej bi speed qawwi. Jirrizulta b’hekk illi huwa ikreja “ a sudden emergency” fil-konfront tas-sewwieq l-iehor li dan parti tieghu ma seta jaghmel xejn biex jevita l-incident.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti tiddikjara illi l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha fil-grad li trid il-ligi u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) Kap 65, 328 (b) u (d) tal-Kap 9 kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-rejat;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9.  Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

Inoltre il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------